**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN 25 TA' MARZU, 2002**

**Numru: 16**

**Avviz Nru: 615/01 AE**

**Joseph u Jane Mifsud**

**Vs**

**Homeline Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u sebghin lira Maltija (Lm370) prezz ghax-xiri u konsenja ta' airconditioner li thallas minnhom u li m'huwiex tal-kwalita pattwita peress li ma jkessahx sew.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta (fol. 12) li permezz taghha kkontestat il-kawza:

(1) Illi preliminarjament in-nullita tal-azzjoni peres illi ma hemmx talba specifika sabiex tigi deciza minn dan it-Tribunal.

(2) Illi sekondarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-inkompetenza ta' dan it-Tribunal peress illi t-talba attrici hija bazata fuq l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16.

(3) Illi minghajr pregudizzju t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra s-sentenza preliminari moghtija mit-Tribunal fl-10 ta' Ottubru 2001 (fol. 20) li permezz taghha gew michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra d-digriet moghti fis-7 ta' Dicembru 2001 (fol. 61-62) li permezz tieghu gie nkarigat Vincent Ciliberti bhala perit gudizzjarju sabiex jirrelata fuq it-talba ta' l-atturi.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni li saret mill-avukati difensuri.

Ikkunsidra:

1. L-attur qeghdin jitolbu rifuzjoni tal-prezz (tlett mija u sebghin lira Maltija [Lm370]) li hallsu ghax-xiri ta' airconditioner minghand is-socjeta konvenuta.

2. L-ilment ta' l-atturi huwa li l-airconditioner ma jkessahx. L-azzjoni ntavolata mill-atturi hija dik kontemplata fl-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili (Kap. 16) [ara verbal tas-seduta tat-3 ta' Ottubru 2001 – fol. 18].

3. Minhabba n-natura teknika tal-kwistjoni, it-Tribunal inkariga lil Vincent Ciliberti bhala perit gudizzjarju sabiex jirrelata dwar it-talba ta' l-atturi. Fis-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2002 (fol. 66-67) dan ikkonferma li:

- Fis-6 ta' Frar 2002 zamm access fil-kamra fejn jinsab installat l-airconditioner;

- L-airconditioner dam hamsa u ghoxrin (25) minuta mixghul;

- L-airconditioner gie nstallat skond is-sengha u kien qieghed ikessah tant hu hekk li t-temperatura fil-kamra nizlet.

- Matul ix-xhur tas-sajf, partikolarment Lulju u Awissu, minhabba s-shana qawwija il-probabilta hija li t-temperatura fil-

kamra fejn jinsab l-airconditioner ma tinzilx ghall 16 il-grad Celsius;

- Id-daqs tal-airconditioner huwa adegwat ghad-daqs tal-kamra u l-ambjenti;

- It-temperatura fil-kamra varjat minn meta nxteghel l-airconditioner sakemm baqa' mixghul u l-airconditioner kien qieghed ikessah. Meta tkejlet it-temperatura minn hdejn il-bokka ta' l-airconditioner (wara 25 minuta li kien ilu mixghul), it-temperatura kienet taqra 2.7 grad Celsius.

4. It-Tribunal huwa tal-fehma li mill-provi ma jirrizultax sodisfacentement ippruvat li l-airconditioner m'huwiex tal-kwalita pattwita. Prova li kienet tispetta lill-atturi (*iuxta allegata et probata*).

5. Illi ghalkemm it-Tribunal m'huwiex tenut li jaccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni tieghu, (**Artikolu 681 tal-Kap 12),** jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni pertali (li hija ta' natura teknika) ma tistax tigi skartata *"b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett*

*tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).Dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et vs* Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – LI.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *'b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".*

6. Mill-opinjoni moghtija mill-perit gudizzjarju jirrizulta anzi li l-airconditioner huwa tal-kwalita pattwita. L-opinjoni tal-perit gudizzjarju tikkorabora x-xhieda moghtija minn Kenneth Caruana li kien it-*technician* li inizjalment kien investiga l-ilment ta' l-atturi. Dan ikkonferma li *"mill-verifiki li ghamilt jiena l-airconditioner kien qieghed ikessah. Kien qed jahdem tajjeb"* (fol. 38).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jichad it-talba ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**